*Labor Ante Omnia*

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 59– 2016

Data: It-Tlieta 6 ta' Diċembru,2016

Hin: 1.35 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:
Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera*
Margaret Said – *Kunsilliera*
Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Kasy Mercieca – *Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ*

Skużati: 0

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 58/2016
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Milied 2016;
4. Laqgħa Annwali Pubblika;
5. Komunikazzjoni mis-Sindku;
6. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
7. Ilmenti u Suġġerimenti;
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Aġġornament.

## Minuti – 59/2016

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 58 – 2016

**1.1** Il-Laqgħa bdiet fis-1.35 p.m. Wara ntqalet it-talba tal-bidu. Approvazzjoni tal-Minuti 58-2016

*Għal din il-laqgħa attenda s-Sur Joseph Grech resident minn Triq il-Kbira u membru mill-pubbliku biex jitkellem mal-Kunsill, għalhekk is-Sindku ssospenda l-laqgħa.*

Ftit wara l-laqgħa tkompliet.

*Fis-1.52 p.m daħlet għal Laqgħa l-Kunsilliera Maria Cassar Sultana li kienet infurmat lis-Segrearju Eżekuttiv li kienet se tittardja.*

Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 58 – 2016 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħolijiet li kellu jibda l-Kuntrattur Road Construction Ltd. fuq it-trinek li għadda cable minn diversi toroq Triq it-Tin, Triq Saguna, Triq il-Kbira, Triq l-10 ta' Ottubru 1942, Triq Gerxija u Triq Żabbetta mill-kumpanija Solar Power għadu ma sarx u li l-Kunsill qed jghamel pressjoni lill- Kuntrattur biex dan isir. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur mess Triq il-Pinnur u li din ma kienetx mniżżla fil-permess li ngħatalu għalhekk hu qal li qallu biex jgħamel parti minn Triq Saguna bħal kumpens għal ħsara li għamel fi Triq il-Pinnur. Il-Kuntrattur għandu jkellem lill-Bord tal-Kumpanija tiegħu dwar dan. Xogħolijiet ta' trinek f'Ta' Sannat mill-Kuntrattur Road Construction Ltd – Solar Power

**2.2** Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu ma rċieva xejn minn naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iffirmar tal-kuntratt mad-Direttur tal-Active Ageing & Community Care Directorate fis-Segretarjat ta' l-Onor Justyne Caruana għal użu tas-Sala tal-Kunsill. Filfrattemp is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa fejn iltaqgħu mad-Direttur DLG fejn id-Direttur qal li dan jista jiġi ffirmat. Kuntratt Użu tas-Sala tal-Kunsill

**2.3** *Fis-2.11 p.m. daħlet għal Laqgħa l-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ.*

**2.4** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar is-seasonal influenza vaccine fil-bidu ta' Novembru ngħatat mis-Sur Carmel Camilleri li dan offra s-servizz tiegħu b'xejn. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Camilleri, is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu bgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Camilleri. Influenza Vaccine

**2.5** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Accountant iffinalizżat l-CashFlow Projection Report li kien intalab mid-Direttur DLG u dan intbgħat. CashFlow Projection Report 2016

**2.6** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar il-Kuntratt Nru. 02/2013 tat-tindif u Kuntratt ta' Tindif u manutensjoni tal-

tal-manutensjoni tal-playing field fi Triq Marziena u li fl-1 ta' Diċembru 2016 skada saret laqgħa apposta mall-Kuntrattur biex dan jiġġedded għal erbgħa xhur oħra sakemm toħroġ l-offerta.

playing field fi Triq Marziena

Is-Sindku qal li wara diversi laqgħat mas-sottokumitat tat-tisbieħ tal-Pjazza Santa Margerita, l-Perit Edward Scerri wasal għal konkluzjoni tal-pjanta. Il-Kunsill ra l-pjanta u l-art work impression mħejji minn Clive Refalo ta' kif ser tintalab l-applikazzjoni. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġerit biex f'xi mkien f'din il-pjazza ssir struttura ta' funtani tal-ilma bħal dik f'San Lawrenz u quddiem Kastilja. Il-Kunsill għandu jiddiskuti din il-possibilta' mall-Perit. Din l-applikazzjoni ntbagħatet lill-Planning Authority biex il-Kunsill ikollu l-permessi neċċessarji biex meta l-Kunsill ikollu l-opportunita' għal xi tip ta' applikazzjoni ta' fondi għal dan ix-xogħol ikun aktar faċli biex il-Kunsill ikun jista japplika. Il-Planning Authority qed titlob il-ħlas ta' €2,198.96ċ għal din l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jħallas dan l-ammont f'Jannar 2017.

Pjanta - Proġett ta' Pjazza Santa Margerita

## 3. Milied 2016

**3.1** Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2016 Il-President ta' Malta għamlet żjara fir-raħal Ta' Sannat fejn talbet l-għajnuna għal ġbir ta' fondi għal Malta Community Chest Fund (l-Istrina). Dakinhar kemm hu u s-Segretarju Eżekuttiv kienu barra minn xtutna, għalhekk hu ddelega lil Viċi Sindku u lill-Kunsillieri biex fl-assenza tiegħu jilqgħu lil President ta' Malta fir-raħal Ta' Sannat. Hu qal li għal dan il-ġest nobbli tkellem mall-Arċipriet fejn sar qbil biex bħas-snin preċedenti jitqassmu envelopes apposta lir-residenti mal-Bullettin tal-Parroċċa u li dawn ser ikunu jistgħu jiġu ddepositati f'kaxxi apposta fil-knisja biex b'hekk bħala kommunita' ngħinu mill-aħjar li nistgħu. Dawn l-envelopes għandhom jinġabru sa nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2016.

L-Istrina 2016

**3.2** Is-Sindku ressaq proposta lill-Kunsill biex mal-fanali dekorattivi tal-Pjazza Santa Margerita u dawk ta' Triq Sannat jsir dawl addizzjonali dekorattiv għal dawn iż-żminijiet ta' festi. Hu qal li meta hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tkellmu ma' Micho Lighting qalilom li jistgħu jiġu mikrija u nstallati żewġ stilel ma kull fanal, jinxtgħel il-presepju u l-ispiża għal dan id-dawl dekorattiv ser tkun ta' €400. Il-Kunsill qabel ma dan.

Tiżjin tal-Milied

**3.3** Is-Sindku qal li bħal kull sena l-Kunsill bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita ser ittela kunċert mużikali tal-Milied nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2016. Il-Kunsill qabel li jħallas is-somma ta' €250 għal riċeviment wara dan il-kunċert.

Kunċert tal-Milied

**3.4** Is-Sindku qal lill-Kunsill biex bħas-snin l-imgħoddija ser titqassam elderly treat lill-anzjani tar-raħal biex b'hekk il-Kunsill jżur lill-anjzani f'dawn il-jiem ta' festi. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni għad-Direttiva Nru 5/2016 mibgħuta mid-DLG datata 24 ta' Novembru 2016. Il-Kunsilliera Said talbet biex nimxu ma din id-Direttiva.

Żjara lill-anzjani fiż-żmien tal-festi tal-Milied

**3.5** Is-Sindku qal li bħas-snin l-imgħoddija għandu jsir festive season treat lill-għaqdiet kollha tar-raħal inkluż dak parrokkjali tal-ħidma volontarja f'Ta' Sannat. Id-data għal din l-attivita' ser tkun il-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2017 fis-

Festive season treat u festin għat-tfal

6.30 p.m. Għandhom jintbgħatu l-inviti apposta.
Is-Sindku semmha wkoll biex isir festin għat-tfal nhar il-Ħamis 29 ta Diċembru, fis-sala tal-iskola primarja, fid-9.30 a.m.

## 4. Laqgħa Annwali Pubblika

**4.1** Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Annwali Pubblika ser issir nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2017 fil-5.00 p.m. Ser jintbgħat avviż lir-residenti mall-Bulletin tal-parroċċa.

Laqgħa Annwali Pubblika

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

**5.1** Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd mqabbad mill-Ministeru għal Għawdex beda t-tkomplija tax-xogħolijiet fuq il-wiċċ il-ġdid bit-tarmak fi Triq Ta' Ċenċ il-parti t'isfel, fejn bħalissa qed jgħaddu is-servizzi tal-ilma l-ġodda. Il-Kunsill ġie mitlub minn Transport Malta biex fi Triq Xabbata kollha u fil-kantuniera ta' Triq Marsilja jsiru proviżorjament double yellow lines biex ma jsirx parkeġġ f'dawn it-toroq peress li t-traffiku kollu tal-parti ta' fuq tar-raħal qed jgħaddi minn dawn it-toroq li huma dojoq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab lid-Direttur – Proġetti u Żvillup MGOZ biex waqt li jkun qed isir ix-xogħol fi Triq Ta' Ċenċ jkun provdut Pulizija/Gwardjan Lokali jew Uffiċjal minn Transport Malta biex jiddevja t-traffiku fi Triq Xabbata u Triq Marsilja. Is-Sindku qed jipproponi li min ikun tiela minn Triq ix-Xabbata għandu jgħaddi minn Triq it-Tempju tal-Imramma. Hu talab ukoll biex għalissa jsiru no parking signs temporanjament fi Triq Dun Xand Aquilina.

Triq Ta' Ċenċ

**5.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mall-Kumpanija GreenPak fejn talab li jsiru CCTV cameras biex jiġi eliminat l-abbuż minn xi individwi rresponsabli li qed iħallu ħmieġ ħdejn dawn il-bins tal-bring in site dawk għal plastik, karta, metal u ħġieġ. Hu qal li l-Manager tal-Kumpanija s-Sur Daniel Tabone laqa' din it-talba, biss jista jipprovdi 2 cctv cameras. Ghalhekk is-Sindku qal li peress li fi Triq ta' Xamgħan ser jibda jsir l-izvillup tal-bini f'din it-triq, jitlob li dawn il-bins jitneħħew u jitpoġġew fi Triq Durell fejn l-oħrajn. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kumpanija GreenPak diġa provdiet il-boroż il-ħodor għax-xhur minn Jannar sa Ġunju u li dawn għandhom jitqassmu lir-residenti fix-xahar ta' Jannar li ġej. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tlett tabelli dwar l-iskart li jinsabu fir-raħal nbiddlu bil-ġranet u l-ħinijiet riċentament. Is-Sindku talab lill-Kunsill biex bil-għajnuna tas-Sur Franco Azzopardi l-quddiem issir diversi attivitajiet sportivi anke bl-isem Recyle Sports Event u oħrajn. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li jsiru korsijiet ta' krafts mill-materjal tar-reċiklaġġ.

Laqgħa mall-Kumpanija GreenPak dwar CCTV cameras

**5.3** Is-Sindku qal li dan l-aħħar, hu talab lill-Avukat tal-Kunsill biex jikteb lill-Korporazzjoni EneMalta dwar il-problema li hemm fuq il-vultaġġ baxx tal-elettriku fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942, Triq Pisoniano u Triq il-Kbira. Dwar din il-problema li ilha għaddeja snin, l-Kunsill ħa parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill fejn qal li l-Kunsill ma jistax jiftaħ kawża bil-qorti dwar dan il-każ.

Vultaġġ tal-elettriku fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942, Triq Pisoniano u Triq il-Kbira

**5.4** Is-Sindku qal li waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex, il-Kunsilli Lokali ġew avviċinati mill-Gozo College Middle School biex iżuru r-raħal għall-proġett bl-isem "Kreattiv Project" li jikkonsisti f'pittura mural fl-iskola stess minn xi ħaġa li tolqothom f'kull raħal f'Għawdex dwar siti storiċi. Il-Kunsill ser iħallas it-transport lil dawn l-istudenti meta ser jiġu jżuru Ta' Sannat.

Proġett Kreattiv

**5.5** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva imejl mid-DLG dwar programm Ghaqal id-Dar – il-Ħajja tkun aħjar bil-kollaborazzjoni bejn il-Ministeru tal-familja u soledarjeta' Soċjali flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ħass li għandu japplika għal interess tar-residenti Ta' Sannat.

Għaqal id-Dar – il-Ħajja tkun aħjar

**5.6** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li MEUSAC infurmat lill-Kunsilli li l-applikazzjonijiet għal fondi ewropej permezz ta Priority Axis 4 (Investment Priority 4a) shifting towards low carbon economy u Priority Axis 5 (investment Priority 6c) Protecting our envirnment – investing in natural and cultural assets issa ħarġu u d-data finali hi nhar il-Ġimgħa 7 ta' April, 2017. Il-Kunsill ser japplika għal cctv cameras madwar ir-raħal minn Axis 4 u minn Axis 5 għar-restawr tal-pompa tal-ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini.

Applikazzjonijiet Fondi Ewropej Axis 4 u Axis 5

## 6. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dawn il-kuntratti waslu biex jerġgħu jiġġeddu:
Avukat tal-Kunsill mill- 1.2.2017 sat-30.1.2018
Cleaner tal-Kunsill mill-1.2.2017 sat-30.1.2018
Urban Street Cleaning mit-2.2.2017 sal-1.2.2018
Il-Kunsill qabel li jġedded dawn il-kuntratti għal sena oħra.

Tiġdid tal-Kuntratti Avukat Cleaner u Urban Street Sweeping

**6.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport ta' kull kwart mill-Lulju sa Settembru 2016 li kien intbghat minn qabel għal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva dan ir-rapport u ġie ffirmat minnu u mis-Sindku.

Rapport ta' kull kwart Lul – Sett 2016

**6.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġew ordnati żewġ mirja ġodda waħda għal Triq ix-Xewkija quddiem is-serrer ta' Salvinu Buttigieg u oħra fi Triq Dun Luqa quddiem il-Flower Zone dan biex jiġi evitat kull periklu tat-traffiku li jista jinqala'. Dawn twaħħlu dan l-aħħar.

Traffic Mirrors Triq ix-Xewkija Triq Dun Luqa

**6.4** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġiet ordnata plakka tal-isem tat-Triq Ta' Saguna peress li dik li kienet mwaħħla mar-residenza li qabel kienet l-iskol l-qadima instabet miksura.

Plakka isem Triq Ta' Saguna

**6.5** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li CVC Media Communication talbet lill-Kunsill biex tiġi tiffilmja l-binja tal-Kunsill peress li l-Kunsill tagħna huwa wieħed mill-Kunsilli f'Għawdex li hu aċċessibli ħafna għal persuni bi bżonnijiet speċjali, dan il-filming ser jiġi użat fi programm dwar dan l-għan. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

Filming tal-uffiċċju amministrattiv

**6.6** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu rċieva mingħand il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. dwar meta ser jibdew jitħallsu l-pagamenti tat-toroq ta' Triq il-Falkun, Triq l-10 ta' Ottubru 1942 u Triq Pisoniano li saru bil-kuntratt tal-iskema tal-PPP. Hu qal li f'Awwissu ta' din is-sena kien bgħat lid-DLG u għadu qed jistenna il-fondi mid-DLG b'hekk il-Kunsill ikun jista jħallas l-40% f'din is-sena. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitħallas meta nirċievu dawn il-flus mid-DLG. Pagamenti tat-toroq tal-PPP

**6.7** Il-Kunsill irċieva imejl mid-DLG dwar cultural tours 2017 biex jekk interessat japplika mall-Ministeru għall-Affarijiet Barranin permezz ta expression of interest u li din tagħalaq fil-31 ta' Jannar 2017. Cultural Tours 2017

**6.8** Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub biex jinbidlu t-tabelli fi Triq tal-Gruwa fejn il-fabbrika tal-JCR li ma jinqrawx u li dawn jindikaw waħda: Mġarr ix-Xini, Ix-Xewkija, Ir-Rabat – Victoria, Heliport u Mġarr Harbour u l-oħra Ta' Sannat, Ta' Ċenċ, Ix-Xewkija, Ir-Rabat – Victoria, Heliport u Mġarr Harbour. Tabelli fi Triq tal-Gruwa

**6.9** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ntbgħat ir-rapport finali tal-ġemmellaġġ għal fondi. Peress li minn Montefiascone ġew 38 persuna minflok 43 persuna kif kien previst fl-applikazzjoni, l-Kunsill jista jibbenefika biss sa €5000. Rapport finali tal-ġemmellaġġ

**6.10** Is-Segretarju Ezekuttiv reġa talab lill-Kunsill li hemm il-ħtieġa li fl-operat tal-Uffiċċju tal-Kunsill jiġi ngaġġat uffiċjal ieħor kif stipulat bil-liġi peress li l-volum tax-xogħol qed dejjem jiżdied. Dwar dan ma kienx hemm deċiżjoni. Ingaġġ ta' uffiċjal mall-Kunsill

**6.11** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Direttur DLG bagħat Ċirkulari Nru 43/2016 li din ġiet ukoll mibgħuta lil kull membru tal-Kunsill dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2017 tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li tammonta għas-somma ta' €223,442.19ċ b'żieda ta' €5932.19c mis-sena 2016. Allokazzjoni Finanzjarja 2017

**6.12** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularitajiet u Direttivi mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri b'permezz tal-imejl. Dawn huma- Ċirkularijiet u Direttivi

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 35/2016 | Inizjattiva Finanzjarja – Stronger Communities: Literacy Projects at Local Level |
| Nru. 36/2016 | Templates tal-Agenda u l-Minuti |
| Nru. 37/2016 | Meta Kunsill jonqos milli jwettaq xi funzjoni |
| Nru. 38/2016 | Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet |
| Nru. 39/2016 | Seminar dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-Sena Finanzjarja 2017- nhar is-Sibt, 12 ta' Novembru 2017 |
| Nru. 40/2016 | Kodiċi ta' Etika |
| Nru. 41/2016 | Rimunerazzjoni tal-Kenniesa tat-Toroq f'Kuntratti ma' Kunsilli Lokali |
| Nru. 42/2016 | Inizjattiva ta' Taħrig dwar il-proċess ta' akkwist (procurement) |

| | |
|---|---|
| Nru. 43/2016 | Allokazzjoni Finanzjarja għal 2017 |
| Nru. 44/2016 | Seminar dwar Xandir Soċjali (Social Media),l-użu tal-Wi-Fi u taħrig dwar opportunitajiet ta' Fondi mill-Programm 'Europe for Citizens' |
| Nru. 45/2016 | Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki |
| Nru.46/2016 | Struzzjonijiet għal matul il-Festi tal-Milied |
| Nru. 46A/2016 | Corrigendum għal Ċirkulari Numru 46/2016 (Struzzjonijiet għal matul il-Festi tal-Milied) |
| Nru. 47/2016 | Inizjattiva ta' Taħriġ – Sistema ta' Akkwist Elettroniku (l-ePPS) |
| Nru. 48/2016 | Il-Community Workers' Scheme fil-Kunsilli Lokali |

Direttivi:

| | |
|---|---|
| Nru. 5/2016 | Donazzjonijiet |

## 7. Ilmenti u Suġġerimenti

Ilmenti/ Suġġerimenti

**7.1** Is-Sur Joseph Grech li joqgħod 61A Josmar, Triq il-Kbira qed jitlob li jerġgħu jitpoġġew xi qsari bejn residenza 59 u 60 fl-istess Triq. Il-Kunsill qabel li dawn il-pots għandhom isiru mall-bankina.

**7.2** Is-Sur Marvic Hili ta' Golden Rose, Triq Dun Luqa, qed jilmenta li l-ilma tax-xita tal-ġar tiegħu qed jmur kollu fil kantina tiegħu peress li l-kanna tal-ilma qeda fuq il-bankina minflok taħtha kif suppost bil-liġi. Il-Kunsill għandu jieħu parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

**7.3** Is-Sinjura Katharina Booth li toqgħod fi Triq il-Kbira qed tilmenta li hemm ħofor perikolużi fl-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-ħofor ġew ippeċjati riċenti.

**7.4** Is-Sur Pawlu Farrugia qed jitlob li jitnaddaf is-sit ta maġenb il-maisonette tiegħu f'misraħ Ta' Ċenċ mill-ħmieġ. Is-Sindku qal li dan huwa sit privat u l-Kunsill ma jista jgħamel xejn dwar dan.

**7.5** Is-Sur Joseph Ellul li joqgħod Triq il-Pinnur qed jilmenta bl-ilma li jżomm taħt il-bankina kull darba li tagħmel ix-xita. Din ser tiġi rranġata mill-Kuntrattur li għamel it-trinek f'din it-triq.

**7.6** Is-Sur Malcolm Mizzi qed jilmenta li m'hemmx aċċess bil-mixi skond il-liġi mal-kosta minn Mġarr ix-Xini sax-Xlendi.

**7.7** Is-Sur Fortunato Fava li joqgħod 'Octavius', fi Triq Durell qed jilmenta bil-ħofor kbar li hemm fil-bidu tal-istess Triq ma Triq Marsilja peress li dawn ilhom hemm ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-patching sar illum.

**7.8** Is-Sur Stephan Grech li joqgħod 66, Triq Dun Xand qed jilmenta dwar it-triq peress li dan l-aħħar meta għamlet ix-xita daħallu l-ilma fil-garaxx. Il-Kunsill qal li dwar dan il-każ diġa talab kemm il-darba biex jitkompla l-

water storm culvert li l-Kunsill wassal sal-Bank of Valletta biex dan jibda jiffunzjona u jitkompla mill-MGOZ meta se issir Triq Sannat u li dan għandu jasal sal-culvert tal-wied ta' Mġarr ix-Xini li hemm fil-Qasam bejn Ta' Sannat u Taċ-Ċawla r-Rabat.

**7.9** Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li ġiet avviċinata mir-residenti ta' Triq il-Kalati fejn qed jissuġġerixxu li din it-triq tiġi pedestrian street except to residents. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba mingħand dawn ir-residenti.

**7.10** Is-Sindku semmha li fi Triq Qortina resident ngombra quddiem tiegħu f'din it-triq b'diversi ġebel tal-kantun, materjal u mbarrazz. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil dan ir-resident bl-Avukat biex fi żmien stipulat inaddaf quddiem tiegħu.

**7.11** Is-Sinjura Cheryel Stellini ta' Triq Ta' Ċenċ qed titlob bankina quddiem il-binja ġdida tagħha. Din ser tintbgħat lill-MGOZ bis-sistema servizz.gov

*Fl-4.10 p.m. Il-Viċi Sindku ħarġet mill-laqgħa għaliex kellha appuntament.*

**7.12** Il-Kunsilliera Said talbet biex isir patching fi Triq tal-Gruwa fejn hemm l-egħlieqi.

**7.13** Il-Kunsillier Bajada talab biex isir patching f'bosta bnadi minn Triq Saguna.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti.

**8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 10/2016 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa. Approvazzjoni tal-kontijiet

## 9. Aġġornament.

**9.1** Il-laqgħa ntemmet fl-4.23 p.m. u ġiet aġġornata għal laqgħa oħra nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2017, fis-1.30 p.m. Aġġornament

**(iffirmata)**

***Philip Vella***
*Sindku*

**(iffirmata)**

***Jason Curmi***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: It-Tlieta 10 ta' Jannar 2017